# Laqmijiet Gudjani (1960 - 1965)

kitba ta' Loreto J. Dalli magħruf bħala Noni (Taċ-Ċaqbumm)

Jien ġbart dawn il-laqmijiet tar-raħal tagħna a bażi tal-memorja tiegħi u bl-għajnuna ta' Giovanna Dalli née Farrugia tal-Lorbu u Ġużeppi Farrugia arkivista.

Jien mort lura għas-snin 1960 - 1965 bejn wieħed u ieħor, Jista' jkun li apparti dawn il-laqmijiet imniżżla hawn hekk, hemm oħrajn li jien ma nafx bihom. Għaldaqstant qiegħed nitlob l-għajnuna ta' kull ġudjan biex jgħin fil-ġbir tal-Laqmijiet li kien hemm f'dan iż-żmien fil-Gudja. Wara kollox dan huwa patrimonju tagħna u m'għandniex inħalluh jispiċċa.

Hemm każi fejn il-laqmijiet, minħabba n-natura tal-kitba kif titlob l-etika u l-prudenza lejn l-individwi mhux se jissemmew għalkemm dawn huma l-ftit u mhux il-ħafna.

Il-bniedem minn dejjem idistingwa ruħu minn wieħed għall-ieħor jew b'isem, jew b'kunjom jew inkellą bis-sengħa li kien jaħdem fiha. F'Malta kienet ħaġa komuni li l-identità tal-persuna kienet tintgħaraf mil-laqam tiegħu. Fil-Bibbja insibu l-użu tal-laqam u tas-sengħa li wieħed kien jaħdem fiha u din kienet tiġi attribwitha lill-bniedem partikolari.

Hemm studju profond wara l-oriġini ta' kull Laqam u minn fejn oriġina. Iżda huwa fattur importanti li l-laqam kellu u għad għandu użu fil-ħajja ta' kuljum, tant li n-nutara kienu fil-kitbiet tagħhom jagħtu importanza lil-Laqmijiet fil-kuntratti tagħhom.

Forsi kien hemm żmien jew żminijiet li l-laqmijiet kienu taboo meta jintużaw barra mir-raħal.

Daqstant ieħor kien diffiċli li fl-irħula Maltin ssib bniedem li jkun magħruf b'kunjomu. Kien u għadu aktar faċli li ssib bniedem bil-laqam tiegħu milli b'kunjomu.

Il-Laqam, huwa forma ta' identifikazzjoni tal-persuna, imħaddna jew użati f'ħafna rħula Maltin u hemm movment qawwi biex dawn il-laqmijiet ma jintilfux. Il-laqmijiet huma parti oħra mill-patrimonju tagħna. Għaldaqstant aħna għandna nagħtu daqqa t'id biex dawn il-laqmijiet jibqgħu ħajjin almenu fuq il-karta.

Tistgħu tinnutaw li t-Triq il-Kbira kienet fattur importanti biex in-nies ikunu identifikati. Aktar u aktar meta tqis li r-raħal tal-Gudja kien żgħir wisq fil-perjodu 1960-1965. Triq il-Kbira u ftit toroq oħra u sqaqien kienu r-raħal ta' tfuliti għalija u għal ħafna oħra bħali.

Biex niġbru aktar laqmijiet tar-raħal tagħna u nagħmlu sforz kollettiv bħala raħal, min għandu laqmijiet li ma jidhrux hawn taħt jista' jibgħat e-mail fuq carlorster@gmail.com ħalli jkunu miżjuda mal-lista.

Grazzi

1 **Kapusu** —kunjom Barbara, ħdejn il-knisja. ( emigra lejn l-Awstralja)
2 **Tat-Tumajs**— kunjom Dalli, ħdejn l-Iskola fi Triq iż-Żebbuġa
3 **Ta' Kehina** — kunjom Calleja, kienu bil-forn u kienu joqogħdu fi Triq il-Kbira, ħdejn l-Għassa.
4 **Taż-Żugu** — kunjom Dalli, f'nofs it-Triq il-Kbira.
5 **Ta' Karmusa** — kunjom Saliba, kienu tal-laħam, fi Triq il-Kbira bejn l-għassa u l-pjazza (Wieħed minnhom kien Kanonku)
6 **It-Toqli**— kunjom Calleja (Bennej) fi Triq il-Kbira ma' Triq Girolmu Cassar.
7 **Taż-Żibri**— kunjom Baldacchino, (Tal-Ġwies) fi Triq il-Kbira ftit 'l hemm mill-għassa
8 **Il-Maxku**—kunjom Farrugia, ħdejn il-każin tal-Istilla
9 **Il-Foff**— Kunjom Muscat, (kuntrattur), fil-pjazza faċċata tal-każin tal-Madonna taċ-Ċintura
10 **Ta' Vapuri**— kunjom Caruana, fil-Pjazza, faċċata tal-Knisja.
11 **Tal-Bilbel** — kunjom Grixti, fi Triq Santa Marija / San Mark
12 **Tal-Qalila** — kunjom Barbara, ħdejn l-Iskola fi Triq San Mark.
13 **Tan-Nizzu** — Kunjom Spiteri, Triq il-Kbira ('il ġewwa mis-Salib)
14 **Tal-Pejxa** — kunjom Grixti, ħdejn il-Lunzjata
15 **Ta' Marikarm** — Ħdejn l-Għassa
16 **Tan-Nuwiss** — kunjom Dalli, Sqaq wara l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura fi Triq il-Kbira.
17 **Ta' Żaċċa** — kunjom Gatt, 'l isfel fit-Triq San Ġorġ
18 **Tar-Romblu** — kunjom Dalli, fi Triq San Mark u faċċata tal-knisja
19 **Tal-P.O.** — kunjom Inguanez, kellhom ħanut fil-pjazza
20 **Taċ-Ċaqbumm** — kunjom Dalli, fi Triq il-Kbira ftit 'il ġewwa mis-Salib.
21 **Il-Fieres** — kunjom Farrugia, Fi Triq Santa Marija 'l isfel (fiż-żona magħrufa tal-Mandraġġ)
22 **Il-Bomba** — kunjom Muscat, fil-bidu ta' Triq il-Kbira (Ħdejn il-Palazz)
23 **Ta' Grima** — kunjom Seguna, bejn l-għassa u l-pjazza
24 **Ta Rjallu** — kunjom Mangion, mifruxa mar-raħal kollu
25 **Ta' Luqa** — kunjom Montebello, fil-bidu ta' Santa Marija minn naħa tal-Każin tal-Madonna taċ-Ċintura
26 **Ta' Zom Zom** — kunjom Theuma (Kola), in-naħa t-isfel ta' Triq San Ġorġ.
27 **Tal-Luter** — kunjom Ellul, fi sqaq fi Triq il-Kbira n-naħa tal-Karwija.
28 **Ġanon** — kunjom aktarx Saliba, f'tarf ir-raħal fil-bidu ta' Triq Ħal Safi
29 **Tal-Barbażor** — kunjom Calleja, fi Triq il-Kappillan
30 **Ta' Waħdu** — kunjom Debono, f'nofs Triq San Ċiru (oriġinarjament kienu Ħamruniżi)
31 **Ta' Konċilju** — kunjom Pace, fil-bidu ta' Triq il-Kbira lejn il-Palazz (id-dar tagħhom kienet l-ewwel skola tar-raħal)
32 **Ta' Taddew** — kunjom Cutajar, in-naħa t'isfel ta' Triq id-Dejqa.
34 **Ta' Pejja** — kunjom Grixti, lejn is-sorijiet, lejn in-naħa ta' Żebbuġa.
35 **Ta' Peċiċa** — kunjom Pace, fit-triq tal-Kappillan
36 **Tal-Kozzu** — kunjom Zammit, ħdejn il-Każin tal-football.
37 **Tar-Raġel** — kunjom Spiteri, Sqaq fi Triq Santa Katerina

38 **Tas-Safrun** — kunjom Farrugia, in-naħa t'isfel ta' Triq Santa Marija (iż-żona tal-Mandraġġ)
39 **Taċ-Ċejċ** — kunjom Calleja fi Triq Dawra ddur
40 **Taż-Żanżoff** — kunjom Camilleri, lejn l-inħawi ta' Ħal-Far, limiti tal-Gudja u fi Triq San Ċiru
41 **Ta' Kalozz** – kunjom Dalli, Triq il-Kbira lejn il-Knisja ta' Loreto
42 **Tat-Tropps** — kunjom Dalli, fi Triq Santa Marija
43 **Tal-Gunner** — kunjom Barbara, fi Triq il-Kbira lejn il-Palazz (emigraw lejn l-Awtralja)
44 **Tas-Sold u nofs** — kunjom Galea, fi Triq il-Kbira wara s-Salib (oriġinarjament mill-Għargħur)
45 **Ta' Manja** — kunjom Zammit, f'nofs Triq il-Kbira wara s-Salib.
46 **Ta' Dun Piet/Lorbu** — kunjom nèe Farrugia, Aquilina u Cachia, fl-ewwel parti ta Triq Santa Marija
47 **Il-Bajdina** — kunjom Bonnici, fil-bidu ta' Triq Birżebbugia
48 **Tat-Tletiet** — kunjom Abela, f'nofs Triq Santa Marija (fiż-żona tal-mandraġġ)
49 **Il-Bugies** — kunjom Calleja, fi Triq Santa Marija n-naħa t'isfel (fiż-żona tal-Mandraġġ)
50 **Masika** — kunjom Mangion fil-bidu ta' Triq il-Kbira, n-naħa tal-Palazz (oriġinarjament miż-Żurrieq)
51 **Il-Gaxin** — kunjom Farrugia, fi Triq Ħal-Għaxaq (ex-footballer)
52 **Il-Landier** — kunjom Busuttil, fil-bidu ta' Triq il-Kbra n-naħa tal-Palazz. Salvu kien għamel isem ma' Malta kollha għax-xogħol tiegħu fuq tiswija ta' radiators tal-karozzi tal-linja. Uliedu żammew l-istess xogħol fil-Mosta, Birkirkara u l-Gudja.
53 **L-Għawdxija** — kunjom Attard, fi Triq il-Kbira 'l ġewwa mis-Salib (kienet bil-ħanut tal-merċa)
54 **Il-Maniklu** — kunjom Portelli, fil-bidu ta' Triq San Mark kantuniera ma' Triq il-Kbira
55 **Pisuwa** — kunjom Busuttil, fil-pjazza ħdejn il-P.O.s bar u fi triq Sant Mark (oriġinarjament minn Ħal-Safi)
56 **Iz-Zokkrin** — kunjom Dalli, kien aġent tal-proviżjoni tan-nar bħal porvli u potassa
57 **Bugulluwwa** — kunjom Farrugia, f'nofs Triq il-Kbira bejn is-Salib u Triq Ħal-Safi
58 **Il-Polier** — kunjom Barbara, fejn illum hemm wesgħa kbira bejn triq San Mark u Triq il-Kbira
59 **Ta' Lorbu** — kunjom Farrugia (kien bidwi) f'nofs Triq il-Kbira, bejn is-Saliba u l-wisa' li hemm fil-bidu ta' Triq San Mark
60 **Babozz** — kunjom Galdes, (piżatur) ħdejn il-Lunzjata.
61 **It-Tonikka** — kunjom Caruana, fi Triq San Ċiru (bin ħajjat)
62 **Ir-Roti**— kunjom Balzan, 'l isfel fi Triq id-Dejqa (dilettant tan-nar)
63 **Il-Kusi** — kunjom Barbara, fi Triq Santa Marija u wara marru fil-bidu ta' Triq il-Kbira
64 **In-Nekus** — kunjom Barbara, ħdejn il-Każin tal-Istilla u dak tal-Football (emigra lejn l-Awstralja)
65 **Il-Peqi** — kunjom Muscat, fil-Pjazza.
66 **Il-Pilot** — kunjom Mangion, ħdejn it-Triq tal-Lunzjata u anke fi Triq il-Kbira, n-naħa tal-Palazz
67 **It-Tuttu** — kunjom Brincat, fil-bidu ta' Triq il-Kbira lejn il-Palazz
68 **Il-Baxxi jew tal-Piż** — kunjom Cutajar, 'il barra mir-raħal (faċċata tal-post tan-nar taċ-Ċintura)
69 **Ix-Xebon** — kunjom Dalli, fi Triq San Ciru (kien hemm arċipriet f'Ħaż-Żebbuġ fil-familja tagħhom)
70 **Il-Kika** — kunjom Azzopardi, fi Triq San Mark (oriġinarjament minn Ħal Għaxaq)
71 **Tal-Bagglu** — kunjom Aguis, fi Triq San Mark
72 **Il-Pejxa** — kunjom Grixti, ħdejn il-Lunzjata
73 **Ta' Zalzettu** — kunjom Farrugia, fi Triq San Ciru wara l-ħanut tal-vapuri
74 **Ta' Żengieru** — kunjom Mifsud, fi Triq il-Kbira wara s-Salib (kienu bdiewa)
75 **Il-Bajżott** — kunjom Dalli fi Triq id-Dejqa
76 **L-Ingliżu** — kunjom Muscat, kienu fi Triq Santa Katerina u familja oħra fi Triq San Mark (Salvu)
77 **Il-Marġass** — kunjom Barbara, flok il-fetħa 'il hemm fit-triq il-kbira wara s-Salib
78 **Ta' Manuwa** — kunjom Dalli, fi triq il-kbira wara s-Salib (waħda mill-familji tagħhom kienet numeruża ħafna)
79 **Tal-Patrija** — kunjom Barbara, fi Triq il-Kbira ftit 'il ġewwa mis-salib (Ġanni kien ħaddiem it-Tarzna u f'Santa Marija kien jieħu ħsieb il-pavaljuni tat-triq. In-neputijiet tiegħu llum il-ġurnata huma tobba. Jingħad li dawn kienu l-ewwel pavaljuni fil-Gudja.
80 **Tal-Qormija** — kunjom Aguis, fi Triq San Mark (fl-aktar parti dejqa tat-triq)
81 **Tal-Budun** — kunjom Pace, fil-pjazza quddiem San Ġużepp (Kellhom perit fil-familja, Ġużeppi Pace li salva il-koppa tar-raħal mir-rovina)
82 **Ta' Ċelapina** — kunjom Zammit, fil-pjazza ħdejn il-knisja flok il-każin tal-Partit Labrista)
83 **Tal-Kukuwa** — kunjom Baldacchino, fil-pjazza sejjer lejn l-iskola (wara l-knisja)
84 **L-iŻgiċċ** — kunjom Brincat, fi Triq Santa Marija
85 **Ix-Xoxx** — kunjom Ellul, fi Triq San Mark
86 **Is-Sulfat** — kunjom Farrugia, 'l isfel fi Triq Santa Marija (fiż-żona tal-mandraġġ)
87 **In-Nejċi** — kunjom Attard, fi Triq Santa Marija (kien bit-taxi)
88 **Il-Qaqqu** — kunjom Dalli, wara l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura ta' ħdejn l-għassa (Nenu kien jaħdem in-nar tal-Festa)
89 **Il-Bobis** — kunjom mhux magħruf
90 **Taċ-Ċisk** — kunjom Abela, fi Triq Santa Marija
91 **Id-Dudu** — kunjom Baldacchino, fi Triq Santa Marija ħdejn l-għajn tal-ilma.
92 **Ta' Hasona** — kunjom Caruana xebba Brincat, fi Triq il-Kbira bejn l-Għassa u l-pjazza (tibqa' magħrufa Żeppa ta' ħasona li mietet fl-età ta' disgħa u disgħin sena)
93 **Ta' Billuwa** — kunjom Caruana, fil-pjazza f'dar b'parapett għoli
94 **Ta' Bent** — kunjom Ellul, fi Triq il-Kbira 'l ġewwa mis-Salib (quddiem il-fetħa ta' bejn is-Salib u Triq Ħal-Safi)
95 **Ta' Patist** — kunjom Tabone, ħdejn ta' Bent (bieb ma' bieb ma' Ta' Bent)
96 **Ta' Xoqnija** – kunjom Ellul, ftit bibien 'il ġewwa minn wara l-ħanut tal-Għawdxija, quddiem l-għassa kien hemm ukoll, kolha fi Triq il-Kbira.
97 **Tal-Posta** — kunjom Azzoopardi f'nofs Triq il-Kbira ħdejn tal-Laħam.
98 **Ta' Koppa** — kunjom Caruana, f'nofs Triq il-Kbira mis-salib 'il ġewwa, (faċċata ta' Indri ta' Lorbu)
99 **Ta' Babakku** — kunjom Bartolo, żewġ familji (Għaxqin) fi Triq il-Kbira il-ġewwa mis-Salib.
100 **Tal-Velenuż** — kunjom Dalli, fil-pjazza ħdejn is-Salib. (Wistin kien iddisinja u ħiet il-pavaljuni tal-festa taċ-Ċintura. Bintu Miss Dalli, kienet għalliema fl-iskola tal-gvern fil-ħamsinijiet. Wieħed min-neputijiet tiegħu llum

il-ġurnata huwa tabib)

101 **Ta' Kikina** — kunjom Caruana, faċċata tas-salib. (Kellu ħanut tax-xorb u kienu ipoġġu ħaddiema ta' fehma xellugija fis-snin sittin)

102 **Ħobż Ħobż** — kunjom Calleja, fil-pjazza quddiem il-każin taċ-Ċintura, kantuniera ma' Triq id-Dejqa.

103 **Tat-Tittu** — kunjom Dalli, fi Triq il-kbira fl-aħħar parti lejn Ħal-Safi (għalkemm il-kunjom Dalli oriġinarjament huma kienu miż-Żejtun) wieħed mill-ulied kien arloġġar tajjeb ħafna.

104 **Ta' Karamazz** — kunjom Calleja, Sqaq fit-Triq Santa Katerina (ħdejn is-sorijiet)

105 **Baġuġu** — kunjom Dalli, fil-mina ta' wara s-Salib fi triq il-kbira. (famuż għad-daqq tal-qniepen b'mod speċjali fil-festi tar-raħal), xogħlu kien ta' landier.

106 **Is-Sinjura** — kunjom Ellul, Salvu fi Triq San Mark lejn l-Iskola...

107 **Ta' Pawwaċni** — kunjom Dalli Fi Triq San Mark ma Triq il-Kbira, fejn illum hemm wesgħa 'l ġewwa mis-Salib

108 **It-Tilli** — kunjom Dalli, Triq il-Kbira lejn in-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura fi Triq il-Kbira. Kien il-barbier tar-raħal.

109 **Il-Gabba** — kunjom Barbara, triq ħdejn il-knisja fuq in-naħa tal-Istilla. Kien bennej tas-sengħa.

110 **It-Tawru** — kunjom mhux magħruf, f'tarf ir-raħal fir-Razzett lejn ta' Loretu.

111 **Tat-Tombu** — kunjom mhux magħruf, fit-tarf tar-raħal lejn Triq Ħal-Safi.

112 **Ta' Fesud** — kunjom Dalli, fi Triq Santa Katerina

113 **Ta' Majru** — kunjom Mallia, Fi Triq Santa Katerina (landier).

114 **Tal-Plentija** — kunjom mhux magħruf

115 **Ta' Petitu** — kunjom Theuma, Triq San Ġużepp

116 **Ta' Bejdiet** — kunjom Scicluna, F'żewġ sqaqien, 'il isfel fi Triq il-Kbira fin-naħa tal-Palazz, lejn l-għassa

117 **Il-Gangi** — kunjom Barbara, fil-wisgħa fi Triq il-Kbira wara s-Salib.

118 **It-Turi** — kunjom Dalli

119 **Il-Fiks** — kunjom Farrugia (Bertu) fi Triq il-Kbira ħdejn is-Salib. Kien mekkanik prim u ħadem mal-RAF.

120 **Tan-Nuqq** — kunjom Dalli, fil-bidu ta' Triq il-Kbira n-naħa tal-palazz.

121 **Ta' Magina** — kunjom Agius, fi Triq il-Kbira wara s-Salib, (kellhom ħanut bħal dak li llum hu magħruf tal-haberdashery)

122 **Tas-Sakkelin** — kunjom Gatt, fi triq il-Kbira lejn il-forn ta' ħdejn l-Għassa (Ġakomin, li kien Superjur tal-MUSEUM kien minn tas-Sakkelin

123 **Taċ-Ċiċra** — kunjom Azopardi, fil-pjazza quddiem il-każin tal-Istilla.

124 **Il-Wella** — kunjom Sacco, fi sqaq ta' wara l-Istatwa taċ-Ċintura ħdejn l-Għassa.

125 **Ta' Ċomba u tal-Misses** — kunjom Abdilla, fl-istess familja fi Triq il-Kbira ħdejn tal-forn.

126 **Qassatu** — kunjom Calleja, ħdejn il-forn (bin il-bennej Ġakkinu u hu Ġanni t-Toqli, bnew ir-Rialto u l-każin ta' San Ġorġ f"Bormla u l-exchange tal-Marsa, l-Kunċizzjoni fil-Ħamrun)

127 **Ta' Kennez** — kunjom Farrugia, fi Triq il-Kbira 'l ġewwa mis-Salib, żewġ bibien 'il bogħod minn Triq Ħal-Safi

128 **Il-Kontibellu** — kunjom Agius, fil-bidu nett ta' Triq il-Kbira, n-naħa tal-Palazz (piżatur id-dwana)

129 **Tal-Angaret** — kunjom Mallia, fi Triq Santa Marija ħdejn il-Knisja tal-Lunzjata. Kellhom ħanut tal-fajjenza.

130 **Tal-Ixkatt** — kunjom Barbara, f'nofs Triq Santa Marija, kellhom ħanut tal-merċa.

131 **Tal-Busuf** — kunjom Caruana, fi Triq id-dejqa

132 **Ta' Ħanfusa** — kunjom Seychell, f'nofs Triq Santa Marija ftit 'l isfel mill-ħanut tal-merċa (iż-żona tal-mandraġġ)

133 **Ta' Perellu** — kunjom Schembri

134 **Tal-Ħanżira** — kunjom Żammit, fi Triq Santa Marija 'l isfel (fiż-żona tal-mandraġġ) kien landier

135 **Tas-Sagristan** — kunjom Seguna, fi Triq il-Kbira, ħdejn is-siġar 'il fuq mill-Għassa

136 **Il-Lulu** — kunjom Cutajar, fi Triq il-Kbira fis-sqaq ta' ħdejn il-Każin tal-Partit Nazzjonalista

137 **Il-Pupa** — kunjom Balzan, fil-bidu ta' Triq Santa Marija minn ħdejn il-każin taċ-Ċintura.

138 **It-Tamli** — kunjom Borġ, fi sqaq faċċata tal-istatwa ta' Santa Marija, fi Triq il-Kbira

139 **Tat-Tewmi** — kunjom mhux magħruf

140 **Il-Basli** — kunjom Borg, fi Triq Girolomu Cassar, faċċata ta' fejn kien hemm l-għajn tal-ilma.

141 **Is-Sufu** — kunjom Barbara, fil-pjazza quddiem l-istatwa ta' Santa Marija, llum hemm ta' Muscat il-Foff.

142 **Tas-Sindku** — kunjom Darmanin, fi Triq tal-Lunzjata ħdejn l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura li hemm fi Triq il-Kbira

143 **Ta' San Pawl**— kunjom Pace, Fi triq il-Kbira ħdejn tal-Konċilju, lejn il-Palazz

144 **Il-Wiżna** — kunjom Desira (Ċikku) fi Triq il-Kbira lejn il-wisgħa ta' wara s-Salib

145 Ix-Xellugi — kunjom Dalli, Fi Triq Santa Katerina għal Triq il-Kbira faċċata tal-istatwa taċ-Ċintura.

146 **Iż-Żurrieqi** — kunjom Chircop, fi Triq Girolomu Cassar faċċata tas-Salib.

147 **In-Nutara** — kunjom Farrugia, fi Triq il-Kbira faċċata tal-forn

148 **Ta' Żakkew** — kunjom Barbara, fi Triq il-Lunzjata. Kienu kollha aħwa li jaħdmu fix-xogħol tar-raba. Tnejn minnhom kienu membri tal-MUSEUM.

149 **Tal-Koti** — kienu familja kbira. Waħda mill-familji kien kunjomha Sammut, fi Sqaq quddiem l-istatwa ta' Santa Marija fil-pjazza.

150 **Ta' Balel** – kunjom Borġ, fi Triq Ġirolomu Cassar

151 **Il-Funny** — kunjom Calleja, fi Triq id-Dejqa, faċċata ta' San Ġużepp

152 **Fatutu** — kunjom Azzopardi, fi Triq il-Kbira ħdejn tal-laħam.

153 **Il-Ħenxil** — kunjom Portelli fi Triq San Mark ma' Triq il-Kbira fejn illum hemm mil-fetħa wara s-Salib.

154 **Ta' Żiqu** — kunjom Barbara, fi Triq il-Kbira ħdejn is-Sigar ('il fuq mill-għassa)

155 **Il-Garru** — kunjom Camilleri, 'l isfel fi Triq Santa Marija

156 **Ta' Ċirkes** — kunjom Barbara, 'l isfel fi Triq Santa Marija

157 **Tal-Bojja** — kunjom Balzan, fi Triq Santa Marija fil-bidu tan-naħa tal-Każin taċ-Ċintura

158 **Il-Bożu** — kunjom Farrugia, Sqaq fi Triq Santa Marija illum t-Triq hi magħrufa bħala Dawra ddur.

159 **Iz-Zokkrina** – Kunjom mhux magħruf (Bernarda, li kienet tinseġ) fit-tarf tat-Triq li Lunzjata ħdejn l-għassa.